MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 26/1992/2

Anthony Vella u John Serri fil-kwalita' tagħhom ta' Diretturi u in rappreżentanza tal-Kumpanija "Gozitano Marketing Company Limited" .

vs

Edward Galea u Charles Grech fil-kwalita' tagħhom ta' Diretturi u in rappreżentanza tal-kumpanija "J. N. and Company Limited" .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi nomine, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' kitba privata tal-ħamsa ta' Ġunju, tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin (5.VI.1991) bejn il-kontendenti u oħrajn, is-soċjeta' konvenuta ngħatat il-fakolta' mill-atturi Vassallo u Xerri nomine sabiex tagħmel

użu mill-fabbrika tal-istess Koperattiva fix-Xewkija, Għawdex ;

Illi dan il-ftehim kellu jdum fis-seħħ għal żmien sentejn, b'effett mill-ewwel ta' Ġunju tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1.VI.1991) .

Illi fost ħwejjeġ oħra, din il-kitba kienet tistabilixxi l-ħlas dovut lill-Ko-operattiva għal dan l-użu flimkien ma' ħlasijiet oħra għal materja prima li nxtrat mis-soċjeta' konvenuta .

Illi inoltre, is-soċjeta' konvenuta kienet intrabtet li tħallas "commission" lis-soċjeta' "Gozitano Marketing Company Limited", kif jiġi spjegat aħjar fil-kors tal-kawża .

Illi barra minn hekk, l-istess soċjeta' konvenuta fit-termini tal-istess kitba, kellha tixtri l-prodotti meħtieġa mingħand il-membri tal-koperattiva u tħallashom permezz tal-istess Koperattiva, u fil-fatt akkwistat kwantita' sostanzjali ta' tadam .

Illi minkejja dawn il-pattijiet, is-soċjeta' konvenuta għazlet li qabel iż-żmien pattwit u mingħajr ebda ġustifikazzjoni, abbandunat il-fabbrika msemmija u kkonsenjat iċ-ċwievet lill-atturi permezz tal-legali tagħha .

Illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet moruża fil-ħlasijiet kollha imsemmija fuq fil-paragrafi tlieta sa ħamsa .

Illi inoltre, l-atturi jridu li jiġu riżarċiti tad-danni kollha sofferti minnhom konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza da parti tal-konvenuti nomine tal-obbligi kuntrattwali assunti minnhom .

Talbu lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-ħlas dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-Koperattiva għall-użu tal-faċilitajiet ipprovduti minnha lis-soċjeta' konvenuta, kif ukoll il-ħlas dovut għall-materja prima mixtrija .

2. Tillikwida l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta mill-Gozitano Marketing Company in linea ta' "commission", kif miftiehem .

3. Tillikwida l-ħlas dovut mis-soċjeta' konvenuta għall-prodotti mixtrija mingħand il-membri tal-Koperattiva, li l-ħlas tagħhom kellu jsir permezz tal-Koperattiva .

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza da parti tal-konvenuti nomine tal-ftehim imsemmi .

5. Tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex iħallsu lill-atturi l-ammonti hekk likwidati .

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skond il-liġi .

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi nomine, konfermata bil-ġurament ta' John Xerri .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċepew illi :

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-mertu f'din il-kawża stante il-privilegium fori tal-konvenuti nomine .

2. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artiklu 156A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-kawżi tal-atturi nomine mhumiex konnessi kif mitlub f'dak l-artikolu .

3. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li mhix akkompanjata minn dikjarazzjonijiet ġuramentati mill-atturi nomine skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta .

Għal dawn ir-raġunijiet t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi nomine .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu, jekk ikun il-każ .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Charles Grech .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti nomine awtorizzata b'digriet tad-29 ta' Frar 2000, li permezz tagħha l-konvenuti nomine eċċepew illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi kienet il-koperattiva attriċi illi naqset illi tadempixxi l-obbligi kontrattwali tagħha billi ma kkonsenjatx l-impjant u l-attrezzi ta' ġo fih fi stat illi s-soċjeta' eċċipjenti setgħet tutilizżahom ai termini tal-kuntratt, u għaldaqstant l-esponenti qegħda tissolleva l-*exception inadempleti contractus.*

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tal-5 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi nomine qed ifittxu li jiġbru mingħand il-konvenuti nomine l-ħlasijiet dovuti lilhom a tenur ta' kuntratt li kienu għamlu magħhom, kif ukoll id-danni għan-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' l-obbligi assunti mill-istess konvenuti nomine fuq dan il-kuntratt . Il-konvenuti, apparti xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, jagħtu wkoll l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' twettieq ta' l-obbligi kuntrattwali (l-*exceptio inadempleti contratus*) da parti ta' l-atturi nomine .

Qabel pero' ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina l-kwistjonijiet involuti fil-mertu, jeħtieg li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet preliminari :

1. Permezz ta' l-ewwel waħda ġiet eċċepita l-*privilegium fori*, billi l-konvenuti nomine jirrisjedu fil-gżira ta' Malta . Jidher pero' illi din l-eċċezzjoni ġiet taċitament rinunzjata mill-konvenuti nomine fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, billi kienu huma stess illi pproċedew bil-produzzjoni tal-provi dwar il-mertu, mingħajr ma qabel insistew illi l-Qorti tippronunzja ruħha dwar din l-eċċezzjoni .

2. It-tieni eċċezzjoni kienet tirrigwarda n-nullita' taċ-ċitazzjoni billi ma kienitx konformi mar-rekwiżiti tal-artikolu 156A tal-kap. 12 . Dan l-artikolu pero' ġie abbrogat bl-Att XXIV tal-1995 u għalhekk m'għadux applikabbli .

3. Bit-tielet eċċezzjoni jgħidu li ċ-ċitazzjoni hija nulla wkoll għax id-dikjarazzjoni li takkumpanjaha mhix maħlufa . Dan pero' ma jirriżultax, għax jidher mill-atti illi d-dikjarazzjoni ta' l-atturi nomine ġiet maħlufa minn John Xerri .

Dawn l-eċċezzjonijiet preliminari qed jiġu għalhekk kollha respinti .

Fil-mertu mbagħad il-konvenuti nomine jikkontendu illi, peress illi l-kuntratt iffirmat bejnhom u l-atturi nomine kien wieħed ta' natura kummerċjali u kien hemm nuqqas ta' adempiment tal-obbligi kuntrattwali da parti ta' l-atturi nomine, huma a tenur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 117 tal-Kodiċi Kummerċjali (kap. 13) u l-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili (kap. 16), kienu ntitolati jxolju dan il-kuntratt unilateralment u minnufih man-nuqqas tal-kontraenti l-oħra li jonoraw l-obbligi kuntrattwali tagħhom u għalhekk m'għandhom ikunu tenuti jħallsu xejn lill-istess atturi. Għall-kuntrarju l-atturi nomine jissottomettu illi anke fil-kuntratti kummerċjali - u m'hemmx dubbju illi l-kuntratt in kwistjoni huwa wieħed ta' natura kummerċjali - għalkemm

il-liġi tgħidlek illi dan il-kuntratt jinħall *ipso iure* f'każ ta' kundizzjoni riżoluttiva taċita, dan xorta waħda ma jistax isir minn parti waħda unilaterment u minn jeddha, imma dejjem u f'kull każ b'ordni tal-Qorti wara talba appożita mill-parti li tkun trid tħoll il-kuntratt .

L-atturi nomine ma nrexxielhomx jiċċitaw sentenza waħda in sostenn tat-teżi tagħhom . Jargumentaw biss illi peress illi a tenur ta' l-artikolu 117 tal-Kodiċi Kummerċjali l-kundizzjoni reżoluttiva taċita ġġib ix-xoljiment tal-kuntratt *ipso iure* u ma hemmx il-possibilita' li l-Qorti tikkonċedi l-*purgazzjoni della mora,* ċioe' li tagħti l-opportunita' lill-parti li tkun naqset żmien xieraq biex tottempora ruħha mal-obbligi kuntrattwali tagħha, bħal fil-każ ta' kuntratti ċivili, l-ordni tal-Qorti fi kwalunkwe każ ħa jkollha l-istess effett li tħoll il-kuntratt u għalhekk hija għal kollox superfluwa . Is-sentenzi li jiċċitaw pjuttost jimmilitaw kontra l-pożizzjoni tagħhom . Fil-fatt fil-każ "**St. Andrew's Farm & Building Co. Ltd. vs Henry Sultana**"[1] il-Qorti qalet inekwivokament illi "***F'kull każ, iżda hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt***" . Anke fil-kawża l-oħra ċitata mill-konvenuti nomine : "**Dr. Jose' Herrera noe. vs Gaetano Debattista et**."[2] fejn l-attur, *player* barrani tal-*football* kien iddeċieda li jittermina l-kuntratt li kellu mal-Hamrun Spartans F.C. unilateralment u qabad u abbanduna l-club tiegħu, il-Qorti esprimiet ruħha f'dan is-sens :

*"Kif taraha din il-Qorti huwa fatt illi sad-data tal-logħba bejn il-Club konvenut u l-Valetta F.C. l-attur, li jafferma li kellu lanjanzi ġustifikattivi konsegwenti għan-nuqqas tal-ħlas lilu tas-salarju dovut, jew dwar ix-xorta ta' akkomodazzjoni lilu provvduta, ma kienx għadu ħa passi attivi biex jillibera ruħu mir-rabta kontrattwali tiegħu u jitlob li jiġi meħlus minn kull vinkolu . Dan kien ċertament jikkompeti lilu jekk, kif ritenut minnu, mhux biss ma kienx qed jitħallas tempestivament iżda addirittura lanqas biss ma kien qed jithallas . Dan pero' baqa' ma għamlux u fl-okkażżjoni tal-loghba fuq imsemmija deherlu li minn rajħ*

[1] Prim'Awla : 26.4.2002 .
[2] Prim'Awla 21.4.2004 .

*jassumi l-veste ta' ġudikant, jirriżolvi l-ftehim, jonoqs mill-impenji tiegħu u ma jkomplix jippresta s-servizzi kalċistiċi tiegħu lill-Club .* ***Dan bla ebda dikjrazzjoni ġudizzjarja*** *jew, għall-anqas, ta' l-awtorita' kompetenti in materja ta' konrattazzjoni ta' din ix-xorta . Issa permezz ta' l-azzjoni minnu proposta, wara li kien ġja ddeċieda li sua sponte jirriżolvi l-ftehim, qed jippretendi li l-Club kien inadempjenti u għandu jwieġeb għad-danni fil-konfront tiegħu . Akkuża din ta' inadempjenza li mhux biss qed tiġi kontrastata lilu mill-Club iżda, fuq kollox ukoll, qed tiġi opposta lilu l-* ***exceptio inadempleti contratus" .***

Għall-kuntrarju tat-teżi tal-konvenuti nomine, jidher illi l-ġurisprudenza stabilita lokali hija fis-sens illi anke f'każ ta' kuntratti kummerċjali l-ebda wieħed mill-kontraenti ma jista' jittermina l-kuntratt unilateralment f'każ ta' kondizzjoni riżoluttiva taċita, imma dejjem irid jagħmel talba għal dan il-fini lill-Qorti . Hekk infatti ingħad f'sentenza fil-kawża ġia ċitata,[3] simili ħafna għal dik in eżami, fejn il-ftehim kien ġie unilateralment itterminat mill-konvenut :

"*Ir-regola ġenerali li tirregola l-kuntratti ma tippermettix it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt minħabba inadempjenza, iżda tagħti lill-Qorti l-fakolta' li tagħti żmien raġjonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora . F'materja kummerċjali, din ir-regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'għandhiex din id-diskrezzjoni, iżda għandha tħoll il-kuntratt . F'kull każ, iżda hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt* .

*Dan joħroġ mill-artikoli 1068 u 1069 u art. 117 tal-kap. 13 . Il-konvenut ghandu ghalhekk ghazla jew li jitlob il-hall tal-kuntratt jew li jġiegħel lill-parti l-oħra li tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli, u fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundanat għall-ħlas tad-danni .*

---

[3] St.Andrew's Farm and Building Company Ltd. vs Henry Sultana : Prim'Awla - 26.4.2002 .

*Iżda hija dejjem il-qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt. Il-kontro-talba li ppreżenta l-konvenut bl-ebda mod ma tissana l-pożizzjoni billi meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni ta' l-attur u l-kontro-talba tal-konvenut, hu kien ilu minn Ottubru 1996 li unilateralment ittermina l-kuntratt .*

***Kwantu għar-raġunijiet li semma l-konvenut biex jiġġustifika t-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fihom stante li l-konvenut ma mexiex kif suppost legalment kellu jagħmel*.** [4]

Din is-sentenza segwiet dak li kien ġie deċiż preċedentement fis-sens illi :

"*Ir-regola ġenerali li tirregola l-kuntratti hija … l-artikolu 1068 Kap. 16, li mhux talli ma jippermettix it-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt minħabba inadempjenza, talli jagħti lill-Qorti l-fakolta' li tagħti żmien raġonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora li jkun waqa' fiha . Fil-kamp kummerċjali mbagħad fejn l-ispeditezza tan-negozju ma tippermettix dewmien, din l-istess regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'għandhiex din id-diskrezzjoni u hija obbligata tħoll il-kuntratt . Imma hawn qiegħed il-punt . Hija dejjem il-Qorti li trid tippronunzja x-xoljiment ta' kuntratt, sakemm dan ma xxoljiehx il-liġi stess ipso iure . Eċċezzjonalment, fl-appalt, timpera regola speċjali, li tawtorizza lill-appaltant li jittermina l-kuntratt, unilateralment, u, kif jgħid l-istess artikolu 1640 Kap. 16,meta jrid*." [5]

Din il-qorti żżid ma dak li ntqal f'dawn id-deċizjonijiet illi jidher illi huwa proprju għalhekk illi l-artikoli rilevanti tal-liġi dejjem jagħmlu referenza għall-"**qorti**" . Altrimenti kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi tal-konvenuti u kontraent jista' jittermina l-ftehim minn jeddu jekk jidhirlu li l-kontraent l-ieħor kien inadempjenti, l-qorti ma kienet tissemma xejn .

Dan ifisser illi, bl-interpretazzjoni mogħtija mil-Qrati tagħna għall-artikoli 1068 u 1069 tal-Kap. 16 u l-artikolu 117 tal-

---

[4] enfasi ta' din il-qorti .

[5] Qorti tal-Kummerc : Pio Gauci vs Joseph Cutajar vol. LXIII. Pt .4 p. 956 .

Kap. 13, kontraent illi jidhirlu illi għandu dritt għar-riżoluzzjoni ta' kuntratt minħabba inadempjement da parti tal-kontraent l-ieħor, għandu dejjem jirrikorri l-Qorti biex jitlob dikjarazzjoni f'dan is-sens, u f'każ ta' kuntratt kummerċjali u fejn il-kwistjoni ma tkunx waħda ta' dewmien fil-ħlas tal-kera, il-Qorti tkun marbuta illi tħoll il-kuntratt b'effett retroattiv, għax kif jgħallem il-**Giorgi** : "*La sentenza, che dichiara risolto il contratto, riconosce uno stato giuridico preesistente e cancellando tutte le conseguenze del contratto, opera* ***ex tunc****, non gia' ex nunc, l'annichilamento del contratto medesimo*."[6] Kemm-il darba jirriżultaw imbagħad ir-rekwiżiti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-*exceptio inadimpleti contractus*, cioe' illi : "(i) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tiegħu li jkun parti ntegrali mill-ftehim ; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet" [7], il-Qorti ma jkollhiex l-għazla li tikkonċedi l-benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora lil min ikun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu, bħal fil-każ ta' kuntratt ċivili, imma hija marbuta illi tilqa' t-talba għar-rexissjoni tal-kuntratt .

Għalhekk fil-każ in eżami, huwa inutili għall-konvenuti nomine li jelenkaw in-nuqqasijiet li skond huma kien hemm fil-fabbrika ta' l-atturi nomine u fil-merkanzija li kellhom jakkwistaw mingħandhom, għax skond din il-ġurisprudenza qatt ma kellhom dritt jaqbdu u jitterminaw il-kuntratt in kwistjoni . Ġialadarba l-konvenuti naqsu illi jintavolaw il-kawża sabiex jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt, dan baqa' fis-seħħ għall-perijodu kollu stipulat u l-atturi nomine għandhom allura d-dritt jesiġu pagament ta' dak stipulat u d-danni għan-nuqqasijiet tal-konvenuti nomine .

Ħadd mill-atturi nomine ma xehed, u lanqas ipproduċew ebda provi, imma mill-kontenut tal-ftehim tal-5 ta' Gunju 1991[8] u mill-affidavit ta' Edward Galea, wieħed mill-konvenuti nomine, jirriżulta illi :

---

[6] Teoria delle obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 6a ed. vol. IV para. 218 pag. 245
[7] Prim'Awla : Carmelo Caruana vs Victor Angilieri : 11.10.1966 vol. XLIX pt. I p. 518
[8] a fol. 5 - 9 tal-process .

1. Dwar l-ewwel talba jirriżulta illi l-konvenuti nomine ngħataw il-fakolta' li jagħmlu użu minn parti mill-fabbrika tal-"Gozo Milk and Agricultural Producers Coopoerative Society Limited" u l-impjant hemm installat għall-għasir u proċessar tat-tadam frisk f'kunserva, polpa u prodotti oħra tad-tadam. għal żmien sentejn b'effett mill-1 ta' Gunju 1991, u għal dan il-għan kellhom iħallsu ħmistax-il elf lira maltija (Lm15,000) fis-sena . Ma rriżulta illi sar ebda pagament f'dan ir-rigward u għalhekk huwa dovut għal dan l-użu s-somma ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000) .

2. Bit-tieni talba l-atturi nomine jippretendu l-ħlas tal-*commission* dovuta lill-"Gozitano Marketing Company" a tenur tal-paragrafu numru 10 tal-ftehim . Imma, għalkemm minn wieħed mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud, jirriżulta li l-produzzjoni fl-ewwel sena laħqet total ta' "8100 cartons",[9] ma jirriżultax kemm dawn isarrfu f'kilos sabiex tkun tista' imbagħad tinħadem il-kommissjoni attwalment dovuta .

3. It-tielet talba tikkonċerna l-ħlas dovut għax-xiri tat-tadam mingħand il-membri tal-Koperattiva . Irriżulta mill-affidavit ta' Edward Galea illi dan il-ħlas sar direttament lill-bdiewa kif kien espressament stipulat fil-klawsola numru 7 tal-ftehim . Għalhekk ma jidher illi għad baqa' ebda ħlas xi jsir f'dan ir-rigward .

4. Bir-raba u ħames talba l-atturi nomine qegħdin jitolbu li jiġu likwidati d-danni kkaġunati għan-nuqqas da parti tal-konvenuti nomine li jonoraw il-partijiet kollha tal-ftehim . Imma dawn baqgħu qatt ma ressqu ebda provi f'dan ir-rigward, u lanqas ma jidher illi huwa l-każ illi jiġi applikat il-prinċipju stabilit fil-ġurisprudenza fis-sens illi "*f'każ ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont għandu jiġi ffisssat ex aequo et bono mill-ġudikant*",[10] billi fil-fehma tagħha l-atturi nomine kellhom diversi mezzi disponibbli għalihom sabiex jipprovaw x'danni setgħu

[9] ara dok. F a fol. 81 tal-process, .
[10] kollez. vol. XXXV Pt. II p. 615 .

sofrew minħabba l-inadempjenza tal-konvenuti li jkomplu joneraw dan il-kuntratt għall-perijodu kollu stipulat, imma għar-raġunijiet tagħhom għażlu li ma jagħmlux dan .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti nomine, tilqa' l-ewwel talba, tillikwida l-ħlas dovut mill-konvenuti nomine fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi u in rappreżentanza tal-kumpanija "J.N. and Company Limited" għall-użu tal-faċilitajiet ipprovduti mill-atturi nomine fil-fabbrika tal-koperativa rappreżentata mill-atturi nomine fis-somma ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000), u tiċħad it-talbiet l-oħra kollha billi ma rriżultawx .

Billi l-ammont dovut ġie likwidat permezz ta' din is-sentenza, l-imgħaxijiet ikunu dovuti  biss minn din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn l-atturi nomine minn naħa u l-konvenuti nomine minn naħa l-oħra .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------